**A.L. 221 tal-2011**

## ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

### Ordni tal-2011 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2011 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata.

**2.** L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

**3.** Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2011 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

**4.** L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa Ħal-Far, limiti ta' Birżebbuġa li tidher immarkata b'linji paralleli dojoq fuq il-pjanta P.D. 63_81_32, u dik il-pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' att pubbliku tas-6 ta' Novembru, 2000.